

Brussell, 20 ta' Ottubru 2017
(OR. en)

13129/17

SOC 634
EMPL 482
EDUC 365
SAN 350
ECOFIN 816

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: Nru dok. Cion:	12860/17 SOC 619 EMPL 475 EDUC 356 SAN 337 ECOFIN 779 8693/17 SOC 296 EMPL 222 EDUC 161 SAN 172 ECOFIN 32 COM(2017) - 251 final
Suġġett:	Proposta għal Proklamazzjoni Interistituzzjonali dwar il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż it-test tal-Proklamazzjoni Interistituzzjonali dwar il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali kif maqbul fil-Coreper fl-20 ta' Ottubru bil-ħsieb tal-laqgħa tal-Kunsill (EPSCO) fit-23 ta' Ottubru 2017.

**Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni jipproklamaw b'mod solenni t-test li ġej
bħala l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali.**

IL-PILASTRU EWROPEW TAD-DRITTIJET SOĊJALI

Preambolu

- (1) Skont l-Artikolu 3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, l-għanijiet tal-Unjoni huma, fost oħrajn, li tippromwovi l-benesseri tal-popli tagħha u li taħdem għall-iżvilupp sostenibbli tal-Ewropa msejjes fuq tkabbir ekonomiku bbilanċjat u stabbiltà fil-prezzijiet, ekonomija soċjali tas-suq kompetittiva ħafna li timmira għal-livell massimu ta' impjiegi u progress soċjali, u livell għoli ta' protezzjoni u titjib tal-kwalità tal-ambjent. L-Unjoni għandha tiġġieled kontra l-esklużjoni soċjali u d-diskriminazzjoni u tippromwovi l-ġustizzja u l-protezzjoni soċjali, l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel, is-solidarjetà bejn il-ġenerazzjonijiet u l-protezzjoni tad-drittijiet tat-tfal.
- (2) Skont l-Artikolu 9 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, fid-definizzjoni u fl-implimentazzjoni tal-politiki u l-attivitajiet tagħha, l-Unjoni għandha tqis il-ħtiġijiet marbuta mal-promozzjoni ta' livell għoli ta' impjiegi, mal-garanzija ta' protezzjoni soċjali xierqa, mal-ġlieda kontra l-esklużjoni soċjali kif ukoll ma' livell għoli ta' edukazzjoni, taħriġ u protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem.
- (3) L-Artikolu 151 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jipprovdi li l-Unjoni u l-Istati Membri, waqt li jżommu f'moħħhom id-drittijiet soċjali fundamentali bħal daww stabbiliti fil-Karta Soċjali Ewropea li ġiet iffirmata f'Turin fit-18 ta' Ottubru 1961 u l-Karta tal-Komunità dwar id-Drittijiet Soċjali Fundamentali tal-Ħaddiema tal-1989, bħala l-oġettivi tagħhom għandu jkollhom il-promozzjoni tal-impjeg, it-titjib tal-kondizzjonijiet tal-ħajja u tax-xogħol, sabiex jagħmlu possibbli l-armonizzazzjoni tagħhom waqt li jitkompla t-titjib, il-protezzjoni soċjali xierqa, id-djalogu bejn min imexxi u l-ħaddiema, l-iżvilupp tar-riżorsi umani bl-għan ta' livell għoli ta' impjeg li jdum għal żmien twil u l-ġlieda kontra l-esklużjoni.

- (4) L-Artikolu 152 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jipprovdi li l-Unjoni tirrikonoxxi u tippromwovi r-rwol tas-sħab soċjali fil-livell tagħha, meta titqies id-diversità tas-sistemi nazzjonali. Għandha tiffaċilita d-djalogu bejniethom u għandha tirrispetta l-awtonomija tagħhom.
- (5) Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, ipproklamata għall-ewwel darba fil-Kunsill Ewropew ta' Nizza fis-7 ta' Diċembru 2000, tissalvagwardja u tippromwovi numru ta' prinċipji fundamentali li huma essenzjali għall-mudell soċjali Ewropew. Id-dispożizzjonijiet ta' din il-Karta huma intiżi għall-istituzzjonijiet, għall-korpi, għall-uffiċċji u għall-aġenziji tal-Unjoni fir-rispett tal-prinċipju ta' sussidjarjetà u għall-Istati Membri biss meta jkunu qed jimplimentaw id-dritt tal-Unjoni.
- (6) It-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea fih dispożizzjonijiet li jstabilixxu l-poteri tal-Unjoni relatati fost oħrajn mal-moviment liberu tal-ħaddiema (l-Artikoli 45 sa 48), mad-dritt ta' stabbiliment (l-Artikoli 49 sa 55), mal-politika soċjali (l-Artikoli 151 sa 161), mal-promozzjoni tad-djalogu bejn min imexxi u l-ħaddiema (l-Artikolu 154), inklużi ftehimiet konklużi u implimentati fil-livell tal-Unjoni (l-Artikolu 155), mal-paga ugwali għall-ħaddiema maskili u femminili għal xogħol ugwali (l-Artikolu 157), mal-kontribuzzjoni għall-iżvilupp tal-kwalità tal-edukazzjoni u tat-taħriġ vokazzjonali (l-Artikoli 165 u 166), mal-azzjoni tal-Unjoni li tikkomplementa politiki nazzjonali u li trawwem il-kooperazzjoni fil-qasam tas-saħħa (l-Artikolu 168), mal-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali (l-Artikoli 174 sa 178), mal-formulazzjoni, u mas-sorveljanza tal-implimentazzjoni, tal-linji gwida ġenerali tal-politiki ekonomiċi (l-Artikolu 121), mal-formulazzjoni, u mal-eżaminazzjoni tal-implimentazzjoni tal-linji gwida dwar l-impjiegi (l-Artikolu 148) u b'mod aktar ġenerali, mal-approssimazzjoni tal-leġislazzjoni (l-Artikoli 114 sa 117).

- (7) Il-Parlament Ewropew appella għal Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali solidu biex isaħħaħ id-drittijiet soċjali u jkollu impatt pożittiv fuq il-ħajja tan-nies fi żmien qasir u medju u jippermetti l-appoġġ għall-kostruzzjoni Ewropea fis-seklu 21.¹ Il-mexxejja tas-27 Stat Membru enfasizzaw li jeħtieġ li tiġi indirizzata l-insigurtà ekonomika u soċjali bħala kwistjoni ta' prijorità u talab għall-ħolqien ta' futur ekonomiku promettenti għal kulħadd, li jissalvagwardja l-istil tal-ġhajxien tagħna u li jipprovdi opportunitajiet aħjar liż-żgħażaġh.² Il-mexxejja tas-27 Stat Membru u tal-Kunsill Ewropew, tal-Parlament Ewropew u tal-Kummissjoni Ewropea, fl-Aġenda ta' Ruma impenjaw ruħhom li jaħdmu lejn Ewropa soċjali. L-impenn huwa msejjes fuq il-prinċipji tat-tkabbir sostenibbli u tal-promozzjoni tal-progress ekonomiku u soċjali, kif ukoll fuq il-koeżjoni u l-konverġenza, filwaqt li jħares l-integrità tas-suq intern; Unjoni li tqis id-diversità tas-sistemi nazzjonali u r-rwol ewlieni tas-sħab soċjali; Unjoni li tippromwovi l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel kif ukoll id-drittijiet u l-opportunitajiet indaqs għal kulħadd; Unjoni li tiġġieled kontra l-qgħad, id-diskriminazzjoni, l-esklużjoni soċjali u l-faqar; Unjoni fejn iż-żgħażaġh jirċievu l-aqwa edukazzjoni u taħriġ u jistgħu jistudjaw u jsibu impjegi mal-kontinent kollu; Unjoni li tippreserva l-wirt kulturali tagħna u tippromwovi d-diversità kulturali.³ Is-sħab soċjali impenjaw ruħhom li jkomplu jikkontribwixxu għal Ewropa li ttiprovdi għall-ħaddiema u għall-intrapriżi tagħha.⁴
- (8) It-tlestija tas-suq uniku Ewropew fl-aħħar deċennji kienet akkompanjata bl-iżvilupp ta' acquis soċjali solidu li rriżulta fi progress fil-moviment liberu, fil-kundizzjonijiet tal-ħajja u tax-xogħol, fl-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel, fis-saħħa u s-sigurtà fuq ix-xogħol, fil-protezzjoni soċjali u fl-edukazzjoni u t-taħriġ. L-introduzzjoni tal-euro pprovdiet lill-Unjoni b'munita komuni stabbli maqsuma bejn 340 miljun ċittadin f'19-il Stat Membru, li ffaċilitat il-ħajja ta' kuljum tagħhom u li tipproteġihom kontra l-instabbiltà finanzjarja. L-Unjoni wkoll kibret b'mod konsiderevoli, żiedet l-opportunitajiet ekonomiċi u l-promozzjoni tal-progress soċjali madwar il-kontinent.

¹ Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tad-19 ta' Jannar 2017 dwar Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali (2016/2095(INI)).

² Id-Dikjarazzjoni ta' Bratislava tas-16 ta' Settembru 2016.

³ Id-Dikjarazzjoni ta' Ruma tal-25 ta' Marzu 2017.

⁴ L-istqarrija konġunta tas-sħab soċjali tal-24 ta' Marzu 2017.

- (9) Is-swieq tax-xogħol u s-soċjetajiet qed jevolvu b'rata mgħaġġla, b'opportunitajiet u bi sfidi ġodda li jirriżultaw mill-globalizzazzjoni, mir-rivoluzzjoni diġitali, mill-mudelli tax-xogħol li qed jinbidlu u mill-iżviluppi soċjetali u demografiċi. L-isfidi, bħall-inugwaljanza sinifikanti, il-qgħad fit-tul u fost iż-żgħażaġh jew is-solidarjetà interġenerazzjonali, ħafna drabi huma simili fost l-Istati Membri minkejja li fi gradi differenti.
- (10) L-Ewropa wriet ir-rieda tagħha li tegħleb il-kriżi finanzjarja u ekonomika, u bħala riżultat ta' azzjoni determinata, l-ekonomija tal-Unjoni issa hija aktar stabbli, b'livelli ta' impjiegi għoljin bla preċedent u bi tnaqqis gradwali fil-qgħad. Madankollu, il-konsegwenzi soċjali tal-kriżi kienu estensivi – minn qgħad fost iż-żgħażaġh u fit-tul għar-riskju ta' faqar – u l-indirizzar ta' dawk il-konsegwenzi jibqa' prijorità urġenti.
- (11) Fil-biċċa l-kbira tagħhom, l-isfidi soċjali u tal-impjiegi li qed tiffaċċa l-Ewropa huma riżultat tat-tkabbir relattivament modest, li huwa msejjes fuq il-potenzjal mhux sfruttat f'termini tal-parteċipazzjoni fl-impjiegi u fil-produttività. Il-progress ekonomiku u soċjali huma interkonnessi, u l-istabbiliment ta' Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali għandu jkun parti mill-isforzi usa' biex jinbena mudell ta' tkabbir aktar inklussiv u sostenibbli billi tittejjeb il-kompetittività tal-Ewropa u ssir post aħjar biex fiha jsiru investimenti, jinħolqu l-impjiegi u titrawwem il-koeżjoni soċjali.
- (12) L-għan tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali hu li jservi bħala gwida lejn riżultati tal-impjiegi u soċjali effiċjenti meta jiġu indirizzati l-isfidi kurrenti u futuri li huma direttament immirati biex jissodisfaw il-bżonnijiet essenzjali tan-nies, u sabiex jiżguraw l-approvazzjoni u l-implimentazzjoni aħjar tad-drittijiet soċjali.
- (13) Hu partikolarment importanti li jkun hemm aktar enfasi fuq il-prestazzjoni soċjali u tal-impjiegi biex tiżdied ir-reżiljenza u biex l-Unjoni Ekonomika u Monetarja ssir aktar profonda. Għal din ir-raġuni, il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali hu partikolarment maħsub għaż-żona tal-euro iżda hu indirizzat lill-Istati Membri kollha.

- (14) Il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali jesprimi l-prinċipji u d-drittijiet essenzjali għal swieq tax-xogħol u sistemi ta' protezzjoni soċjali ġusti u li jaħdmu tajjeb fl-Ewropa tas-seklu 21. Huwa jafferma mill-ġdid uħud mid-drittijiet li huma diġà preżenti fl-acquis tal-Unjoni. Iżid prinċipji ġodda li jindirizzaw l-isfidi li jirriżultaw minn żviluppi soċjetali, teknoloġiċi u ekonomiċi. Sabiex ikunu eżegwibbli legalment, il-prinċipji u d-drittijiet l-ewwel jirrikjedu miżuri ddedikati jew leġislazzjoni li jiġu adottati fil-livell xieraq.
- (15) Il-prinċipji stabbiliti fil-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali jikkonċernaw liċ-ċittadini tal-Unjoni u liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi b'residenza legali. Meta prinċipju jirreferi għall-ħaddiema, dan jikkonċerna lill-persuni kollha fl-impjieg, irrispettivament mill-istatus, mill-modalità u mid-durata tal-impjieg tagħhom.
- (16) Il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali ma għandux iżomm lill-Istati Membri jew lis-šhab soċjali tagħhom milli jstabilixxu standards soċjali aktar ambizzjużi. B'mod partikolari, xejn fil-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali ma għandu jiġi interpretat bħala li jirrestrinġi jew li jaffettwa ħażin id-drittijiet u l-prinċipji kif rikonoxxuti, fl-oqsma ta' applikazzjoni rispettivi tagħhom, mid-dritt tal-Unjoni jew mid-dritt internazzjonali u mill-ftehimiet internazzjonali li l-Unjoni jew l-Istati Membri kollha huma parti minnhom, inkluża l-Karta Soċjali Ewropea ffirmata f'Turin fit-18 ta' Ottubru 1961, u l-Konvenzjonijiet u r-Rakkomandazzjonijiet rilevanti tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol.
- (17) It-twettiq tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali hu impenn u responsabbiltà politika kondiviżi. Il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali għandu jkun implimentat kemm fil-livell tal-Unjoni kif ukoll f'dak tal-Istati Membri fi ħdan il-kompetenzi rispettivi tagħhom, filwaqt li jieħu kont debitu tal-ambjenti soċjoekonomiċi differenti u d-diversità tas-sistemi nazzjonali, inkluż ir-rwol tas-šhab soċjali, konformement mal-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità.
- (18) Fil-livell tal-Unjoni, il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali ma jimplikax estensjoni tal-poteri u l-kompiti tal-Unjoni kif konferiti mit-Trattati. Għandu jkun implimentat fi ħdan il-limiti ta' dawk il-poteri.

- (19) Il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali jirrispetta d-diversità tal-kulturi u tat-tradizzjonijiet tan-nies tal-Ewropa, kif ukoll l-identitajiet nazzjonali tal-Istati Membri u l-organizzazzjoni tal-awtoritajiet pubbliċi tagħhom fil-livelli nazzjonali, reġjonali u lokali. B'mod partikolari, l-istabbiliment tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali ma jaffettwax id-dritt tal-Istati Membri li jiddefinixxu l-prinċipji fundamentali tas-sistemi tas-sigurtà soċjali tagħhom u li jamministraw il-finanzi pubbliċi tagħhom, u m'għandux jaffettwa b'mod sinifikanti l-ekwilibriju finanzjarju tagħhom.
- (20) Id-djalogu soċjali għandu rwol importanti fit-tiżni tad-drittijiet soċjali u fit-titjib tat- tkabbir sostenibbli u inklussiv. Is-sħab soċjali fil-livelli kollha għandhom rwol kruċjali fis-segwitu u fl-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, skont l-awtonomija tagħhom biex jinnegozjaw u jikkonkludu ftehimiet u d-dritt għal negozjar kollettiv u azzjoni kollettiva.

Il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali

Kapitolu I: Opportunitajiet u aċċess indaqs għas-suq tax-xogħol

1. Edukazzjoni, taħriġ u taġlim tul il-ħajja

Kulħadd għandu d-dritt għal edukazzjoni, taħriġ u taġlim tul il-ħajja ta' kwalità u inklussivi sabiex iżomm u jakkwista ħiliet li jippermettulu jipparteċipa b'mod sħiħ fis-soċjetà u jimmaniġġja b'suċċess tranżizzjonijiet fis-suq tax-xogħol.

2. Ugwaljanza bejn is-sessi

- a. Jeħtieġ li tiġi żgurata u titrawwem l-ugwaljanza fit-trattament u fl-opportunitajiet bejn in-nisa u l-irġiel fl-oqsma kollha, inkluż fir-rigward tal-parteeċipazzjoni fis-suq tax-xogħol, fit-termini u fil-kundizzjonijiet tal-impjiegi u fil-progressjoni fil-karriera.
- b. In-nisa u l-irġiel għandhom id-dritt għal paga indaqs għal xogħol ta' valur ugwali.

3. Opportunitajiet indaqs

Irrispettivament mis-sess, mill-oriġini razzjali jew etnika, mir-reliġjon jew mit-twemmin, minn diżabbiltà, mill-età jew mill-orjentament sesswali, kulħadd għandu d-dritt għal trattament u opportunitajiet indaqs fir-rigward tal-impjiegi, tal-protezzjoni soċjali, tal-edukazzjoni, u tal-aċċess għal prodotti u servizzi disponibbli għall-pubbliku. Għandhom jitrawmu opportunitajiet indaqs ta' gruppi li mhumiex irrappreżentati biżżejjed.

4. Appoġġ attiv għall-impjiegi

- a. Kulħadd għandu d-dritt għal assistenza f'waqtha u mfassla apposta biex jittejbu l-opportunitajiet ta' impjiegi jew il-prospetti ta' impjiegi indipendenti. Dan jinkludi d-dritt li wieħed jirċievi appoġġ għal tfittxija, taħriġ u kwalifikazzjoni mill-ġdid ta' xogħol. Kulħadd għandu d-dritt li jittrasferixxi l-protezzjoni soċjali u l-intitolamenti ta' taħriġ matul tranżizzjonijiet professjonali.
- b. Iż-żgħażaġh għandhom id-dritt għal edukazzjoni kontinwa, apprendistat, traineeships jew offerta ta' xogħol ta' reputazzjoni tajba sa erba' xhur minn meta jiġu qiegħda jew jitolqu mill-iskola.
- c. In-nies qiegħda għandhom id-dritt għal appoġġ personalizzat, kontinwu u konsistenti. Dawk qiegħda fit-tul għandhom id-dritt għal valutazzjoni individwali fil-fond sa mhux aktar tard minn 18-il xahar ta' qgħad.

Kapitolu II: Kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti

5. Impjieg sigur u adattabbli

- a. Irrispettivament mit-tip u d-durata tar-relazzjoni tax-xogħol, il-ħaddiema għandhom id-dritt għal trattament ġust u ugwali fir-rigward tal-kundizzjonijiet tax-xogħol, l-aċċess għall-protezzjoni soċjali u t-taħriġ. Għandha titrawwem it-transizzjoni lejn forom ta' impjieg miftuħa.
- b. Skont il-leġislazzjoni u l-ftehimiet kollettivi, għandha tiġi żgurata l-flessibbiltà neċessarja biex l-impjegaturi jadattaw malajr għal bidliet fil-kuntest ekonomiku.

- c. Għandhom jitrawmu forom innovattivi ta' xogħol li jiżguraw kundizzjonijiet tax-xogħol ta' kwalità. Għandhom jitħeġġu l-intraprenditorija u l-impjiegi indipendenti. Għandha tiġi ffaċilitata l-mobbiltà okkupazzjonali.
- d. Għandhom jiġu evitati relazzjonijiet tax-xogħol li jwasslu għal kundizzjonijiet tax-xogħol prekarji, inkluż bil-projbizzjoni ta' abbuż ta' kuntratti atipiċi. Kwalunkwe perjodu ta' probazzjoni għandu jkun ta' durata raġonevoli.

6. Salarji

- a. Il-ħaddiema għandhom id-dritt għal pagi ġusti li jipprovdu għal standard ta' għajxien diċenti.
- b. Għandhom jiġu żgurati pagi minimi adegwati, b'mod li jipprovdu għas-sodisfazzjon tal-bżonnijiet tal-ħaddiem u tal-familja tiegħu / tagħha fid-dawl tal-kundizzjonijiet ekonomiċi u soċjali nazzjonali, filwaqt li jiġi ssalvagwardjat l-aċċess għall-impjiegi u l-inċentivi biex ifittex xogħol. Għandu jiġi evitat il-faqar fost dawk li jaħdmu.
- c. Il-pagi kollha għandhom ikunu stabbiliti b'mod trasparenti u prevedibbli skont il-politiki nazzjonali u jirrispettaw l-awtonomija tas-sħab soċjali.

7. Informazzjoni dwar il-kundizzjonijiet tal-impjeg u l-protezzjoni f'każ ta' sensja

- a. Il-ħaddiema għandhom id-dritt li jiġu infurmati bil-miktub fil-bidu tal-impjeg dwar id-drittijiet u l-obbligi tagħhom li jirriżultaw mir-relazzjoni tax-xogħol, inkluż dwar il-perjodu ta' probazzjoni.
- b. Qabel kwalunkwe sensja, il-ħaddiema għandhom id-dritt li jiġu infurmati bir-raġunijiet u li jingħataw perjodu ta'avviż raġonevoli. Huma għandhom id-dritt għall-aċċess għal riżoluzzjoni ta' tilwim effettiva u imparzjali u, f'każ ta' sensja mhux ġustifikata, dritt għal rimedju, inkluż kumpens adegwat.

8. Id-djalogu soċjali u l-involviment tal-ħaddiema

- a. Is-sħab soċjali għandhom jiġu kkonsultati dwar it-tfassil u l-implimentazzjoni ta' politiki ekonomiċi, tal-impjiegi u soċjali skont il-prattiki nazzjonali. Dawn għandhom jitħeġġu jinnegozjaw u jikkonkludu ftehimiet kollettivi fi kwistjonijiet rilevanti għalihom, filwaqt li jirrispettaw l-awtonomija u d-dritt tagħhom għal azzjoni kollettiva. Fejn xieraq, il-ftehimiet konklużi bejn is-sħab soċjali għandhom jiġu implimentati fil-livell tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha.
- b. Il-ħaddiema jew ir-rappreżentanti tagħhom għandhom id-dritt li jiġu infurmati u kkonsultati fi żmien xieraq dwar kwistjonijiet rilevanti għalihom, b'mod partikolari dwar it-trasferiment, ir-ristrutturar u l-fużjoni ta' impriżi u dwar sensji kollettivi.
- c. Għandu jitħeġġeġ l-appoġġ għal żieda fil-kapaċità tas-sħab soċjali biex jipromwovu d-djalogu soċjali.

9. Bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata

Ġenituri u nies b'responsabbiltajiet ta' kura għandhom id-dritt għal liv xieraq, arranġamenti tax-xogħol flessibbli u aċċess għal servizzi ta' kura. In-nisa u l-irġiel għandu jkollhom aċċess ugwali għal liv speċjali sabiex jissodisfaw ir-responsabbiltajiet ta' kura tagħhom u għandhom jiġu mħeġġa jużawhom b'mod bilanċjat.

10. Ambjent tax-xogħol u protezzjoni tad-data tajbin għas-saħħa, siguri u adattati sew

- a. Il-ħaddiema għandhom id-dritt għal livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa u s-sigurtà tagħhom fuq ix-xogħol.
- b. Il-ħaddiema għandhom id-dritt għal ambjent tax-xogħol adattat għall-bżonnijiet professjonali tagħhom u li jippermettilhom itawlu l-parteċipazzjoni tagħhom fis-suq tax-xogħol.
- c. Il-ħaddiema għandhom id-dritt li d-data personali tagħhom tkun protetta fil-kuntest tax-xogħol.

Kapitolu III: Protezzjoni u inklużjoni soċjali

11. Kura tat-tfal u appoġġ għat-tfal

- a. It-tfal għandhom id-dritt għal edukazzjoni bikrija tat-tfal affordabbli u kura ta' kwalità tajba.
- b. It-tfal għandhom id-dritt għall-protezzjoni mill-faqar. It-tfal li ġejjin minn ambjent żvantaġġat għandhom id-dritt għal miżuri speċifiċi biex jissaħħu l-opportunitajiet indaqs.

12. Il-protezzjoni soċjali

Irrispettivament mit-tip u mid-durata tar-relazzjoni tax-xogħol tagħhom, il-ħaddiema, u f'ċerti kundizzjonijiet simili, il-ħaddiema għal rashom, għandhom id-dritt għal protezzjoni soċjali adegwata.

13. Benefiċċji għall-qgħad

Dawk qiegħda għandhom id-dritt għal appoġġ tal-attivazzjoni adegwat mis-servizzi pubbliċi tal-impjiegi sabiex jintegraw (mill-ġdid) fis-suq tax-xogħol u għal benefiċċji adegwati tal-qgħad ta' durata raġonevoli, f'konformità mal-kontribuzzjonijiet u mar-regoli ta' eliġibbiltà nazzjonali tagħhom. Dawn il-benefiċċji ma għandhomx jikkostitwixxu diżinċentiv għal ritorn ta' malajr għax-xogħol.

14. Id-dħul minimu

Kull min ma għandux riżorsi suffiċjenti għandu d-dritt għal benefiċċji minimi ta' introjtu adegwati li jiżguraw ħajja f'dinjità fl-istadji kollha tal-ħajja, u għal aċċess effettiv li jippermetti prodotti u servizzi. Għal dawk li jistgħu jaħdmu, il-benefiċċji ta' introjtu minimu għandhom jitħalltu ma' inċentivi għall-integrazzjoni (mill-ġdid) fis-suq tax-xogħol.

15. L-introjtu u l-pensjoni tal-irtirar

- a. Il-ħaddiema u l-ħaddiema għal rashom li rtiraw għandhom id-dritt għal pensjoni proporzjonali għall-kontribuzzjonijiet tagħhom u li tiżgura introjtu adegwat. In-nisa u l-irġiel għandu jkollhom opportunitajiet indaqs biex jakkwistaw id-drittijiet għall-pensjoni.
- b. Kull min irtira għandu d-dritt għal riżorsi li jiżguraw l-għajxien b'dinjità.

16. Kura tas-saħħa

Kulħadd għandu d-dritt għal aċċess f'waqtu għal kura tas-saħħa affordabbli, preventiva u kurattiva ta' kwalità tajba.

17. L-inklużjoni ta' persuni b'diżabbiltà

Il-persuni b'diżabbiltà għandhom id-dritt għal appoġġ għall-introjtu li jiżgura l-għajxien b'dinjità, servizzi li jippermettulhom jipparteċipaw fis-suq tax-xogħol u fis-soċjetà, u ambjent tax-xogħol adattat għall-bżonnijiet tagħhom.

18. Il-kura għall-perijodu fit-tul

Kulħadd għandu d-dritt għal servizzi ta' kura fit-tul affordabbli ta' kwalità tajba, b'mod partikolari għal servizzi ta' kura fid-djar u bbażati fil-komunità.

19. Akkomodazzjoni u għajnuna għall-persuni mingħajr dar

- a. Għandu jiġi provdut aċċess għal akkomodazzjoni soċjali jew għajnuna għall-akkomodazzjoni ta' kwalità tajba għal dawk fil-bżonn.
- b. Il-persuni vulnerabbli għandhom id-dritt għal għajnuna u protezzjoni xierqa kontra t-tkeċċija sfurzata.

- c. Għandhom jiġu provduti kenn u servizzi adegwati lill-persuni mingħajr dar sabiex tiġi promossa l-inklużjoni soċjali tagħhom.

20. Aċċess għal servizzi essenzjali

Kulħadd għandu d-dritt li jkollu aċċess għal servizzi essenzjali ta' kwalità tajba, inkluż l-ilma, is-sanitazzjoni, l-enerġija, it-trasport, is-servizzi finanzjarji u l-komunikazzjonijiet diġitali. Għandu jkun disponibbli l-appoġġ għall-aċċess għal dawn is-servizzi għal dawk fil-bżonn.
